REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/526

tal-1 ta' April 2022

li jidderoga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39 għas-snin skolastiċi 2021/2022 fir-rigward tal-verifiki fuq il-post fil-bini tal-applikanti għall-għajnuna jew fl-istabbilimenti edukattivi għall-finijiet tal-iskema għall-iskejjel

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([1]), u b'mod partikolari il-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(2),

Billi:

(1) L-Artikolu 10(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 ([2]) jistabbilixxi l-perċentwal minimu tal-verifiki fuq il-post li jridu jitwettqu fil-bini tal-applikanti għall-għajnuna li jkollhom x'jaqsmu mal-provvista u d-distribuzzjoni tal-prodotti u mal-miżuri edukattivi ta' akkumpanjament fil-qafas tal-iskema msemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) ("l-iskema għall-iskejjel"). Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39 jipprevedi li, meta l-applikant għall-għajnuna ma jkunx stabbiliment edukattiv, il-verifika fuq il-post imwettqa fl-istabbiliment tal-applikant għandha tkun issupplimentata minn verifiki fuq il-post fl-istabbiliment ta' mill-inqas żewġ stabbilimenti edukattivi jew ta' mill-inqas 1 % tal-istabbilimenti edukattivi rreġistrati mill-applikant f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/40 ([4]), skont liema minnhom ikun l-akbar.

(2) Minħabba l-miżuri fis-seħħ sabiex tiġi indirizzata l-pandemija tal-COVID-19, b'mod partikolari l-għeluq tal-istabbilimenti edukattivi u r-restrizzjonijiet tal-aċċess tal-viżitaturi esterni fil-binjiet tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jiltaqgħu ma' diffikultajiet fl-ippjanar u fit-twettiq ta' verifiki fuq il-post f'waqthom fil-bini tal-applikanti għall-għajnuna jew fl-istabbilimenti edukattivi fis-snin skolastiċi 2021/2022. Għalhekk, jixraq li jiġi previst li meta l-Istati Membri ma jkunux f'pożizzjoni li jwettqu dawk il-verifiki fuq il-post kif meħtieġ mill-Artikolu 10(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39, huma jistgħu jiddeċiedu li jwettqu tali verifiki fuq il-post mill-bogħod, pereżempju permezz ta' vidjokonferenzi.

(3) L-Artikolu 10(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39 jistabbilixxi r-regoli u l-metodi applikabbli għar-rappurtar tal-verifiki u tar-riżultati tagħhom. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġġustifikaw il-ħtieġa għad-deroga prevista f'dan ir-Regolament u li jirrappurtaw dwar l-użu tagħha fir-rapport ta' kontroll li għandu jitfassal għal kull verifika fuq il-post imwettqa mill-bogħod.

(4) Għalhekk jixraq li ssir deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39 fir-rigward tas-sena skolastika 2021/2022.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 tat-3 ta' Novembru 2016 dwar ir-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-għajnuna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħxejjex, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi (ĠU L 5, 10.1.2017, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/40 tat-3 ta' Novembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-għajnuna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħxejjex, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi u li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 (ĠU L 5, 10.1.2017, p. 11).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. B'deroga mit-tieni sal-ħames subparagrafi tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39, meta minħabba l-miżuri meħuda sabiex tiġi indirizzata l-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri ma jkunux f'pożizzjoni li jwettqu verifiki fuq il-post fil-bini tal-applikanti għall-għajnuna jew fl-istabbilimenti edukattivi fir-rigward tas-sena skolastika 2021/2022, dawk il-verifiki jistgħu jitwettqu mill-bogħod.

2. B'deroga mill-Artikolu 10(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39, meta l-verifiki fuq il-post jitwettqu mill-bogħod f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità ta' kontroll kompetenti għandha tinkludi wkoll ġustifikazzjoni dwar il-ħtieġa għal tali deroga u tirrapporta dwar l-użu tagħha fir-rapport ta' kontroll.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN